MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2003

Numru 396/2001

**Artikolu 18, 95(1), 96, 249, 167, 169, 184, 308, 309, 310, 31, 17(b)(h), 20, 23 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Martin Sammut**
**V**

**ALFRED AGIUS**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ALFRED AGIUS** ta' sebgha w hamsin sena bin Anthony u Rose nee Sultana, imwieled l-Gzira nhar l-erbgha ta' Novembru 1943 u joqghod 16, 'Anchor Court', Triq il-Begonja, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita numru 686243M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-wiehed u tletin ta' Marzu 1999 u d-diversi gimghat

ta' qabel, f'diversi nhawi f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi:

1. Ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' Paul Vella, Herbert Debattista, John Giliberti, Robert Laurenti u persuni ohra, ilkoll inkarigati minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. Talli bil-mezz ta' karta miktuba, sew jekk anonima kemm jekk kienet iffirmata bl-isem tieghu nnifsu jew b'isem mahluq, hedded lil Paul Vella b'xi delitt;

**Talli nhar l-ghoxrin ta' Jannar 1999 gewwa l-Imsida:**

3. Iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe l-firma ta' Gaetano Mallia Bonello, li meta jigu pprezentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depositu jew rahan minn ufficcju pubbliku jew mill-bank, jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern,

4. Talli xjentement ghamel uzu minn polza, ordni jew dokumenti ohra foloz, li meta jigu pprezentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depositu jew rahan minn ufficcju pubbliku jew mill-bank, jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

5. Talli ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, u cioe l-firma ta' Gaetano Mallia Bonello, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi zied

jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

6. Talli xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat hamsa ta' Lulju 2001 esibit a fol 16 tal-atti odjerni markat bhala dokument CSH 2 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat fl-ezami li sar nhar l-wiehed u tletin ta' Jannar 2002 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ddikjara li qed jirrizerva li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja, kif jirrizulta a fol 17 tal-atti odjerni.

Rat ghalhekk li din il-kawza ma gietx trattata bi procdura sommarja ghall-ewwel izda bir-rinviju mill-Avukat Generali.

Rat l-artikoli tal-Avukat Generali datati tmienja ta' Ottubru 2002 esibiti fl-atti a fol 143.

Rat li l-imputat din d-darba u cioe wara li hargu l-artikoli tal-Avukat Generali, ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigu trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza fuq riferita u dan fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin ta' Jannar, 2003.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tal-ghoxrin ta' Mejju 2003.

Ikkunsidrat:

Illi b'digriet taghha tal-erbgha ta' Marzu 2002 din il-Qorti, fil-kompetenza taghha ta' Qorti Istruttorja, kienet iddecidiet li ma kienx hemm lanqas prima facie evidenza kontra l-imputat odjern dwar l-ewwel w s-sitt akkuza u fil-fatt kienet ordnat l-liberazzjoni tieghu fil-konfront ta' dawn iz-zewg

akkuzi u ghalhekk **f'dan l-istadju il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel w s-sitt akkuza.**

Dwar t-tieni akkuza u cioe talli fil-wiehed u tletin ta' Marzu 1999 u d-diversi gimghat ta' qabel f'diversi inhawi f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin anke jekk fi zminijiet differenti hedded bil-mezz ta' kitba, l-Qorti rat li f'kaz ta' htija l-imputat jista jehel piena ta' prigunerija minn xahar sa sitt xhur u ghalhekk il-perjodu preskritt ta' dan r-reat huwa dak dispost fl-artikolu 688(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe bl-eghluq ta' sentejn. Issa minnufih jirrizulta li l-allegat reat sehh qabel Marzu 1999 u l-kawza odjerna giet ppresentata nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Gunju 2001u ghalhekk zgur li l-imputat gie notifikat wara s-sentejn preskritt mill-ligi u ghalhekk **il-Qorti tiddikjara din it-tieni akkuza preskritta ai termini tal-artikolu 688(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.**

Dwar t-tielet akkuza u cioe dik li tikkoncerna l-artikolu 167 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe falsifikazzjoni ta' dokument u cioe ghamel l-allegata firma ta' Gaetano Mallia Bonello fuq dokumenti sabiex bihom ircieva hlas, il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha il-provi f'dan r-rigward.

Il-Prosekuzzjoni fix-xhieda tal-Ispettur Martin Sammut tal-wiehed u tletin ta' Jannar 2002 kif jirrizulta a fol 11 tal-atti, donnha allegat li l-imputat setgha ffirma cekk bl-isem ta' Gaetano Mallia Bonello sabiex jirtira xi cekk mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali. Pero stranament ghal ghal dak li hass l-Ufficjal Prosekutur meta huwa baghat ghal dan Gaetano Mallia Bonello, huwa cahad li kellu b'xi mod x'jaqsam mal-imputat u qal li c-cekkijiet kienu gew mibghuta lilu regolarment. Huwa baghat ghall-imputat, li meta kkonfrontat mhux b'dak li rrizultalu minn Gaetano Mallia Bonello izda minn x' indikazzjonijiet ohra mhux spjegati f'dawn l-atti, l-imputat cahad dak li gie allegat lilu dwar firem foloz ta' Gaetano Mallia Bonello biex setgha ggwadanja xi flus mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali.

**Fis-sitta ta' Settembru 2002 xehed viva voce il-Qorti Gaetano Mallia Bonello** u qal illi l-Pulizija kienet allegat

mieghu li kien hemm xi persuna li kienet qed tiffirma xi dokumenti biex tiehu xi flejjes mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali ghan-nom tieghu.
Gaetano Mallia Bonello qal li huwa ma kien jaf xejn dwar din l-allegazzjoni u dan ghaliex huwa dejjem ircieva c-cekk tar-Relief meta ma kienx jahdem dejjem kien hu li ffirma ghalih. Dan ix-xhud, meta gie muri d-dokument PC li jinsab esibit fl-atti odjerni a fol 121, mahrug mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali, stqarr li l-firem fuq dan d-dokument kienu tieghu.

Illi ghalhekk fid-dawl ta' din ix-xhieda, anke jekk in pesima ipotesi, l-Qorti kellha tiskarta l-istqarrija ta' cahda maghmula mill-imputat dwar din l-allegazzjoni, il-Prosekuzzjoni zgur li m'irnexxiliex tipprova din l-akkuza u dan lanqas remotament.

Il-Qorti jiddispjaciha tara kif il-Prosekuzzjoni tista tressaq bniedem il-Qorti a bazi ta' dawn il-fatti u dan ghaliex lanqas hemm prova ta' xejn. Illi l-Prosekuzzjoni ma tistax taqbad u tressaq bniedem il-Qorti qabel ma tinvestiga l-kaz u tkun tal-fehma li ghandha kaz fil-konfront ta' dak li jkun almenu fuq bazi ta' probabbilita jekk mhux sal-grad tal-konvinciment morali.

Il-Qorti jiddispjaciha tara li bniedem ilu gej u sejjer l-Qorti sa mit-tmienja w ghoxrin ta' Gunju 2001 akkuzat b'din l-akkuza meta mill-fatti ma kien hemm l-ebda ombra ta' rregolarita maghmula mill-imputat.

Illi bla dubju ta' xejn dak li ntqal dwar l-akkuza ta' falsifikazzjoni ta' dokument japplika wkoll ghal akkuza kontemplata fl-artikolu 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta dwar uzu ta' dokument falz u dan ghaliex mhux biss il-Prosekuzzjoni naqset li tipprova li l-imputat ghamel uzu minn dan d-dokument PC, izda naqset wkoll li tipprova li d-dokument PC in realta kien effettivament falz. Anzi semmai, ppruvat l-oppost, li d-dokument ma kienx falz u kien iffirmat mill-persuna li effettivament kienet intitolata u kienet qed tircievi l-ghajnuna socjali.

Illi l-akkuza l-ohra kif kontemplata fl-artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe falsifikazzjoni t'att pubbliku kummercjali jew ta' bank privat minn persuna li ma tkunx ufficjal pubbliku, din ma tapplikax zgur ghaliex in effetti l-imputat kien ufficjal pubbliku fil-perjodu allegatament inkriminanti u ghalhekk lanqas biss din l-akkuza messha nghatat fil-konfront tal-imputat odjern li kien ufficjal mal-Employment & Training Corporation fiz-zmien li sehhew l-allegati reati.
Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi kif mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tmienja ta' Ottubru 2002 u cioe l-artikolu 18, 95(1), 96, 249, 167, 169, 184, 308, 309, 310, 31, 17(b)(h), 20, 23 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Illi fid-dawl tas-suespost tiddikjara li ma ssibx lil imputat ALFRED AGIUS hati tal-akkuzi kif kontemplati fl-artikoli 167, 169 u 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tilliberah minnhom, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza kif kontemplata fl-artikolu 249 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li din hija preskritta ai termini tal-artikolu 688(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Il-Qorti tawgura li fil-futur ma tarax kawzi ohra prezentati quddiemha fuq nuqqas ta' provi ta' din il-kwalita.

-------------------------------TMIEM-------------------------------